# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2066

## tal-25 ta' Awwissu 2021

## li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran għall-perjodu 2022–2024

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1022 jistabbilixxi pjan pluriennali dwar is-sajd tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran. L-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet fil-Punent tal-Mediterran li għalihom japplika l-obbligu ta' ħatt l-art u għall-qabdiet inċidentali ta' speċijiet pelaġiċi fis-sajd li jisfrutta l-istokkijiet f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/86 ([2]) stabbilixxa pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran applikabbli mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019, wara li ġew ippreżentati tliet rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni fl-2016 minn għadd ta' Stati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar Mediterran (il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, Malta u s-Slovenja). Dawk it-tliet rakkomandazzjonijiet konġunti, ikkonċernaw rispettivament il-Punent tal-Baħar Mediterran, il-Baħar Adrijatiku u x-Xlokk tal-Baħar Mediterran.

(3) Fis-7 ta' Mejju 2021, Spanja, Franza u l-Italja (il-"Grupp ta' Livell Għoli Pescamed"), ippreżentaw lill-Kummissjoni rakkomandazzjoni konġunta li tipproponi l-estensjoni ta' ċerti eżenzjonijiet tal-obbligu ta' ħatt l-art għas-sajd demersali fil-Punent tal-Mediterran wara konsultazzjonijiet fil-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Mediterran ("MEDAC").

(4) Din ir-rakkomandazzjoni konġunta ġiet ivvalutata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") bejn is-17 u l-21 ta' Mejju 2021 ([3]).

(5) Fil-21 ta' Lulju 2021, il-Grupp ta' Livell Għoli Pescamed ippreżenta rakkomandazzjoni konġunta aġġornata li kienet allinjata mal-valutazzjoni tal-STECF.

(6) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), il-Kummissjoni qieset ir-rakkomandazzjoni konġunta fid-dawl tal-valutazzjoni tal-STECF biex tiżgura li din tkun kompatibbli mal-miżuri ta' konservazzjoni rilevanti, inkluż l-obbligu ta' ħatt l-art.

([1]) ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/86 tal-20 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran (ĠU L 14, 18.1.2017, p. 4).

([3]) Rapporti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – Evaluation of the landing obligation joint recommendations (STECF-21-05) 2021. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli hawnhekk https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(7) Il-Kummissjoni tinnota li fil-Punent tal-Baħar Mediterran, l-ispeċijiet jinqabdu fl-istess ħin, fi kwantitajiet li jvarjaw ħafna, u b'hekk approċċ ta' stokk uniku jsir aktar diffiċli. Barra minn hekk, dawk l-ispeċijiet jinqabdu minn bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira u jinħattu l-art f'ħafna punti differenti ta' ħatt l-art mifruxin ġeografikament tul il-kosta, u dan jirriżulta f'kostijiet sproporzjonati fil-maniġġ tal-qabdiet inċidentali.

(8) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni tas-sopravivenza, kif previst fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, stabbilita għall-molluski bivalvi, jiġifieri għall-arzella tal-pellegrini (*Pecten jacobeus*), għall-vongole (*Venerupis* spp.) u għall-gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.) li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati (HMD) għall-2022. L-STECF fakkar lill-Istati Membri b'żewġ studji eżistenti li għandhom jitlestew għal valutazzjoni ulterjuri tar-rati ta' sopravivenza tal-arzella tal-pellegrini, tal-vongole u tal-gandoffli ta' Venere. Peress li l-evidenza dwar ir-rati ta' sopravivenza ta' dawn l-ispeċijiet ma hijiex konklużiva, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni tas-sopravivenza jenħtieġ li tiġi inkluża f'dan ir-Regolament għal sena sakemm tiġi pprezentata d-*data* rilevanti dwar is-sopravivenza. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jippreżentaw, sal-1 ta' Mejju 2022, id-*data* rilevanti dwar is-sopravivenza għal dawk it-tliet speċijiet lill-Kummissjoni biex l-STECF ikun jista' jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjonijiet għall-eżenzjoni u biex il-Kummissjoni tagħmel il-valutazzjoni tagħha.

(9) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni tas-sopravivenza stabbilita għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX) għall-2022, l-2023 u l-2024. L-STECF qies li hemm evidenza xjentifika li turi sopravivenza baxxa ħafna għal dik l-ispeċi fil-Punent tal-Mediterran u f'reġjuni oħrajn, matul ix-xhur ta' Lulju u ta' Awwissu. Peress li rati għoljin ta' sopravivenza jseħħu matul il-bqija tas-sena u b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi tal-irkaptu, tal-prattiki tas-sajd u tal-ekosistema, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni tas-sopravivenza jenħtieġ li għalhekk tiġi estiża għal tliet snin, ħlief għax-xhur ta' Lulju u ta' Awwissu ta' kull sena.

(10) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni tas-sopravivenza għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li jinqabad bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) għall-2022, għall-2023 u għall-2024. L-STECF iqis li l-informazzjoni speċifika għall-appoġġ ta' din l-eżenzjoni kienet limitata. Madankollu, minħabba li dan is-sajd huwa pjuttost selettiv, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal tliet snin.

(11) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni tas-sopravivenza għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) li tinqabad bis-snanar u bix-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX) għall-2022 u l-2023. L-STECF qies li kienet ġiet ipprovduta evidenza li tappoġġa din l-eżenzjoni, iżda jenħtieġ li jsiru studji xjentifiċi addizzjonali biex tiġi osservata direttament is-sopravivenza tal-qbid skartat. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal sentejn.

(12) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni tas-sopravivenza għall-awwista (*Homarus gammarus*) u għall-awwisti (*Palinuridae*) li jinqabdu bix-xbieki (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN) u bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) għall-2022 u għall-2023. L-STECF qies li kienet ġiet ipprovduta evidenza li tappoġġa l-fatt li l-impatt tas-sopravivenza tal-eżenzjoni x'aktarx li jkun baxx, iżda jenħtieġ li jsiru studji xjentifiċi addizzjonali biex jiġu osservati direttament ir-rati ta' sopravivenza tal-qbid skartat. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal sentejn.

(13) Ir-rakkomandazzjoni konġunta pprovdiet evidenza xjentifika aġġornata dwar il-kostijiet sproporzjonati fil-maniġġ tal-qabdiet inċidentali. Għalkemm l-STECF innota li huma pprovduti stimi taż-żieda fil-kostijiet, huwa saħaq fuq id-diffikultajiet biex jiġi ġġudikat f'liema livell il-kostijiet huma sproporzjonati. L-STECF innota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-kostijiet sproporzjonati tista' titlesta ulterjorment u li jenħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-impatti tal-eżenzjoni. L-STECF innota wkoll li t-tnaqqis tal-livell ta' qabdiet mhux mixtieqa permezz tal-użu ta' rkaptu selettiv jew ta' żoni protetti tal-baħar jenħtieġ li jingħata prijorità. Il-Kummissjoni tilqa' l-impenn meħud mill-Grupp ta' Livell Għoli Pescamed biex ikompli jaħdem fuq is-selettività u r-restrizzjonijiet spazjali tas-sajd bħala prijorità biex jinkiseb it-tnaqqis ta' qabdiet mhux mixtieqa. L-STECF innota li l-approċċ *de minimis* ikkombinat ikopri grupp wiesa' ta' speċijiet b'firxa wiesgħa ta' rati tal-qbid skartat iżda qies tali kopertura wiesgħa bħala approċċ validu minħabba l-kumplessità tas-sajd fil-Punent tal-Baħar Mediterran. Barra minn hekk l-STECF qies li eżenzjonijiet *de minimis* individwali li jkopru speċi waħda x'aktarx li jirriżultaw f'ħafna eżenzjonijiet separati li jkunu ugwalment ta' sfida għall-monitoraġġ. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża bil-livelli perċentwali proposti.

(14) L-Istati Membri ġeddew l-impenn tagħhom fir-rakkomandazzjoni konġunta tagħhom biex iżidu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd f'konformità mar-riżultati tal-programmi ta' riċerka attwali sabiex inaqqsu u jillimitaw il-qabdiet mhux mixtieqa u partikolarment il-qabdiet b'daqsijiet iżgħar mid-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni.

(15) Barra minn hekk, l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll fir-rakkomandazzjoni konġunta tagħhom biex jidentifikaw aktar żoni magħluqin sabiex inaqqsu l-mortalità tal-ħut li għadu qed jikber, fejn hemm evidenza ta' konċentrazzjoni għolja ta' ħut li għadu qed jikber. Il-miżuri ssuġġeriti fir-rakkomandazzjonijiet konġunti aġġornati huma konformi mal-Artikolu 15(4), l-Artikolu 15(5)(b)(c) u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(16) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li dan jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art**

L-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Punent tal-Baħar Mediterran għas-sajd demersali f'konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran ("GFCM") kif inhuma definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

(b) "il-Punent tal-Baħar Mediterran" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11.1, 11.2 u 12.

*Artikolu 3*

**Eżenzjonijiet ta' sopravivenza**

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ispeċijiet li għalihom, l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza, fil-Punent tal-Baħar Mediterran, għandha tapplika:

a) għall-arzella tal-pellegrini (*Pecten jacobeus*) li tinqabad bil-gangmi mekkanizzati (HMD) sal-31 ta' Diċembru 2022;

b) għall-vongole (*Venerupis* spp.) li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati (HMD) sal-31 ta' Diċembru 2022;

c) għall-gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.) li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati (HMD) sal-31 ta' Diċembru 2022;

d) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha (*OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX*) matul ix-xhur ta' Jannar sa Ġunju u ta' Settembru sa Diċembru, kull sena sal-31 ta' Diċembru 2024;

e) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li jinqabad bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) sal-31 ta' Diċembru 2024;

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

f) għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) li tinqabad bis-snanar u bix-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX) sal-31 ta' Diċembru 2023;

g) għall-awwista (*Homarus gammarus*) li tinqabad bix-xbieki (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN) u bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) sal-31 ta' Diċembru 2023;

h) għall-awwisti (*Palinuridae*) li jinqabdu bix-xbieki (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN) u bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) sal-31 ta' Diċembru 2023.

2. għall-arzella tal-pellegrini *(Pecten jacobeus*), il-vongole (*Venerupis* spp.), il-gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), l-awwista (*Homarus gammarus*) u l-awwisti (*Palinuridae*) li jinqabdu fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rilaxxati minnufih fiż-żona fejn ikunu nqabdu.

3. Sal-1 ta' Mejju 2022, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar Mediterran għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni *data* addizzjonali dwar il-qbid skartat u kwalunkwe informazzjoni xjentifika rilevanti oħra li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1(a)(b)(c). L-STECF għandu jivvaluta d-*data* u l-informazzjoni ppreżentati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2022.

*Artikolu 4*

**Eżenzjonijiet *de minimis***

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati skont l-Artikolu 15(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 il-kwantitajiet ta' speċijiet li ġejjin:

(a) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u għall-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(b) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u għall-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu mill-bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti;

(c) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*), għall-awrata (*Sparus aurata*) u għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u għall-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(d) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*), għall-awrata (*Sparus aurata*) u għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 3 % għall-2022 u għall-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu mill-bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti;

(e) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u għall-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw is-snanar u x-xolfa.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Awwissu 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN